



Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla)

22 ta' Jannar 2020*

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika soċjali – Direttiva 1999/70/KE – Ftehim qafas ETUC, UNICE u CEEP dwar ix-xogħol għal żmien determinat – Klawżola 4 – Prinċipju ta' nondiskriminazzjoni – Klawżola 5 – Miżuri intiżi sabiex jipprekludu l-abbużi li jirriżultaw mill-użu ta' kuntratti jew ta' relazzjonijiet ta' xogħol għal żmien determinat suċċessivi – Kumpens f'każ ta' tmiem tar-relazzjoni tax-xogħol – Artikoli 151 u 153 TFUE – Artikoli 20 u 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Applikabbiltà – Differenza fit-trattament ibbażata fuq in-natura pubblika jew privata, fis-sens tad-dritt nazzjonali, tas-sistema li tirregola r-relazzjoni tax-xogħol”

Fil-Kawża C-177/18,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari taħt l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Juzgado de lo Contencioso-Administrativo n° 14 de Madrid (il-Qorti Amministrattiva Provinċjali Nru 14 ta' Madrid, Spanja), permezz ta' deċiżjoni tas-16 ta' Frar 2018, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-7 ta' Marzu 2018, fil-proċedura

Almudena Baldonado Martín

vs

Ayuntamiento de Madrid,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla),

komposta minn A. Arabadjiev (Relatur), President tal-Awla, T. Von Danwitz u C. Vajda, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Szpunar,

Reġistratur: R. Schiano, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-28 ta' Frar 2019,

wara li rat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

- għal A. Baldonado Martín, minn L. Gil Fuertes, abogada,
- għall-Ayuntamiento de Madrid, minn N. Taboada Rodríguez u I. Madroñero Peloché, letrados,
- għall-Gvern Spanjol, inizjalment minn M. J. García-Valdecasas Dorrego, sussegwentement minn S. Jiménez García, bħala aġenti,
- għall-Kummissjoni Ewropea, minn N. Ruiz García u M. Van Beek, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol.

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2019,
tagħti l-preżenti

Sentenza

- 1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikoli 151 u 153 TFUE, tal-Artikoli 20 u 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-“Karta”) kif ukoll tal-klawżoli 4 u 5 tal-Ftehim qafas dwar ix-xogħol għal żmien determinat, konkluż fit-18 ta' Marzu 1999 (iktar 'il quddiem il-“Ftehim qafas”), li jinsab fl-Anness tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u miċ-CEEP (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 368).
- 2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn Almudena Baldonado Martín u l-Ayuntamiento de Madrid (il-muniċipalitá ta' Madrid, Spanja) dwar il-ħlas ta' kumpens dovut wara t-tmiem tar-relazzjoni tax-xogħol li kienet torbot lill-partijiet.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

- 3 Skont l-Artikolu 1 tad-Direttiva 1999/70, din hija intiża “li ġġib fis-seħħ il-[Ftehim qafas] konkluż [...] bejn l-organizzazzjonijiet ġenerali ta' l-industrija (ETUC, UNICE u CEEP)”.
- 4 L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 2 ta' din id-direttiva jipprevedi:

“L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva [u għandhom] jieħdu xi miżuri neċessarji sabiex ikunu jistgħu f'kull ħin ikunu f'posizzjoni li jggarantixxu r-riżultati imposti b'din id-Direttiva. [...]”
- 5 Skont il-klawżola 1 tal-Ftehim qafas, l-għan tiegħu huwa, minn naħa, li jtejjeb il-kwalità tax-xogħol għal żmien determinat billi jiżgura l-osservanza tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni u, min-naħa l-oħra, li jstabilixxi qafas sabiex jiġu evitati l-abbużi li jirriżultaw mill-użu ta' kuntratti jew ta' relazzjonijiet tax-xogħol għal żmien determinat suċċessivi.
- 6 Il-klawżola 3 tal-Ftehim qafas, intitolata “Definizzjonijiet”, tipprovdi:
 - “1. Għall-iskop ta' dan il-ftehim, il-kliem ‘ħaddiem għal terminu fiss’ ifisru persuna li jkollha kuntratt jew relazzjoni ta' l-impjieg dirett bejn min jimpjega u ħaddiem meta l-aħħar tal-kuntratt jew tar-relazzjoni ta' l-impjieg hu ddeterminat b'kondizzjonijiet oġġettivi bħal li jilħaq data speċifika, ilesti xogħol speċifiku, jew it-twettiq ta' każ speċifiku;
 2. Għall-iskop ta' dan il-ftehim, il-kliem ‘ħaddiem kumparabbli permanenti’ ifisru ħaddiem b'kuntratt jew relazzjoni ta' impjieg għal żmien indefinit, fl-istess stabbiliment, ingaġġat fl-istess xogħol jew xogħol/impjieg simili, wara li tingħata attenzjoni xierqa lill-kwalifiki/kapaċitajiet [...]”

- 7 Il-klawżola 4 tal-Ftehim qafas, intitolata “Il-prinċipju ta’ non-diskriminazzjoni”, tipprevedi fil-punt 1 tagħha li:

“Fejn għandhom x’jaqsmu l-kondizzjonijiet ta’ l-impjieg, ħaddiema għal terminu fiss m’għandhomx jiġu trattati b’mod inqas favorevoli minn ħaddiem kumparabbli permanenti biss minħabba li għandhom kuntratt jew relazzjoni għal terminu fiss sakemm trattament differenti ma jkunx ġustifikat fuq bażi oġġettiva.”

- 8 Il-klawżola 5 tal-Ftehim qafas, intitolata “Miżuri għal prevenzjoni ta’ l-abbuż”, tistipula:

“1. Sabiex jiġi ipprevenut l-abbuż ikkawżat mill-użu ta’ kuntratti jew relazzjonijiet suċċessivi ta’ impjieg għal terminu fiss, [l-Istati Membri,] wara konsultazzjoni ma’ l-imsieħba soċjali skond il-liġi nazzjonali, il-ftehim kollettiv jew il-prattika, u/jew l-imsieħba soċjali, għandhom, meta ma hemm ebda miżuri ekwivalenti legali biex jipprevjenu l-abbuż, jintroduċu b’mod li jieħu kont tal-ħtiġiet tas-setturi u/jew kategoriji speċifiċi ta’ ħaddiema, waħda jew iktar mill-miżuri li ġejjin:

- (a) raġunijiet oġġettivi li jiġġustifikaw it-tiġdid ta’ dawn il-kuntratti jew relazzjonijiet;
- (b) iż-żmien massimu totali ta’ kuntratti jew relazzjonijiet suċċessivi ta’ impjieg għal terminu fiss;
- (c) in-numru ta’ tiġdid ta’ dawn il-kuntratti jew relazzjonijiet.

2. L-Istati Membri wara konsultazzjoni ma’ l-imsieħba soċjali u/jew l-imsieħba soċjali għandhom, meta approprijat, jiddeterminaw taħt liema kondizzjonijiet il-kuntratti jew ir-relazzjonijiet ta’ impjieg għal terminu fiss:

- (a) għandhom jitqiesu bħala ‘suċċessivi’;
- (b) għandhom jitqiesu bħala kuntratti jew relazzjonijiet għal żmien indefinit.”

Id-dritt Spanjol

- 9 L-ewwel dispożizzjoni addizzjonali tar-Real Decreto 896/1991 por el que se establecen las reglas básicas y los Programas mínimos a li dela procedimiento de selección de los funcionarios de Administración Local (id-Digriet Irjali 896/1991 li jstabilixxi r-Regoli Bażiċi u l-Programmi Minimi li Għandhom Jiġu Osservati fil-Proċedura ta’ Selezzjoni tal-Uffiċjali tal-Amministrazzjoni Lokali), tas-7 ta’ Ġunju 1991 (BOE Nru 142 tal-14 ta’ Ġunju 1991, p. 19669), tipprovdi:

“Wara l-avviż ta’ kompetizzjoni u fl-osservanza, fi kwalunkwe każ, tal-prinċipji ta’ mertu u ta’ kapaċità, il-president tal-kunsill municijali jew provinċjali jista’ jaħtar membri tal-persunal mhux permanenti għal pożizzjonijiet vakanti sakemm dawn il-pożizzjonijiet ma jkunux jistgħu, fid-dawl tal-urġenza meħtieġa miċ-ċirkustanzi, jiġu okkupati minn uffiċjali. Dawn il-pożizzjonijiet huma mgħammra b’riżorsi baġitarji u inklużi fl-offerta ta’ impjieg pubbliku, ħliet meta jkunu saru vakanti wara l-approvazzjoni tagħha.

[...]

Il-pożizzjonijiet b’hekk mgħammra huma neċessarjament inklużi fl-ewwel avviż ta’ kompetizzjoni intiż sabiex jimtew pożizzjonijiet ta’ xogħol jew fl-ewwel offerta ta’ impjieg pubbliku approvata.

Il-kariga ta’ membru tal-persunal mhux permanenti tintemm meta l-pożizzjoni timtela minn uffiċjal jew meta l-kunsill municijali jew provinċjali jqis li r-raġunijiet ta’ urġenza li mmotivaw il-kopertura tagħha minn membru tal-persunal mhux permanenti ma jibqgħux jeżistu.”

10 L-Artikolu 8 tat-testo refundido de la Ley del Estatuto Básico del Empleado Público (Test ta' Riformulazzjoni tal-Liġi dwar l-Istatut Bażiku tal-Aġenti Pubbliċi), approvat permezz tar-Real Decreto Legislativo 5/2015 (id-Digriet Leġiżlattiv Irjali 5/2015), tat-30 ta' Ottubru 2015 (BOE Nru 261 tal-31 ta' Ottubru 2015, p. 103105, iktar 'il quddiem l-“EBEP”), jipprovdi:

“1. Huma membri tal-persunal fis-servizz pubbliku l-persuni li jeżerċitaw funzjonijiet remunerati fl-amministrazzjoni pubblika fis-servizz tal-interess ġenerali.

2. Il-membri tal-persunal fis-servizz pubbliku huma kklassifikati bħala:

- (a) uffiċjali;
- (b) membri tal-persunal mhux permanenti;
- (c) aġenti kuntrattwali, sew jekk permanenti, għal żmien indeterminat jew għal żmien determinat;
- (d) persunal awżiljarju.”

11 L-Artikolu 10 tal-EBEP huwa fformulat kif ġej:

“1. Il-membri tal-persunal mhux permanenti huma l-persuni li, għal raġunijiet ta' neċessità u ta' urġenza espressament iġġustifikati, huma maħtura f'din il-kwalità sabiex jeżerċitaw funzjonijiet proprji għall-uffiċjali, f'każ li jseħħ wieheh mill-każijiet li ġejjin:

- (a) l-eżistenza ta' pożizzjonijiet vakanti li ma jistgħux jiġu okkupati minn uffiċjali;
- (b) is-sostituzzjoni temporanja tal-proprjetarji ta' dawn il-pożizzjonijiet;
- (c) it-twettiq ta' programmi ta' natura temporanja, li ma jistax ikollhom perijodu ta' iktar minn tliet snin, li jista' jiġġedded għal tnax-il xahar skont il-liġijiet fil-qasam tas-servizz pubbliku adottati sabiex jiġu implimentati dawn ir-regolamenti tal-persunal;
- (d) piż ta' xogħol eċċessiv jew miżjud għal perijodu massimu ta' sitt xhur fuq perijodu ta' tnax-il xahar.

[...]

3. Il-kariga tal-membri tal-persunal mhux permanenti tintemm, minbarra r-raġunijiet previsti fl-Artikolu 63, meta r-raġuni li tkun immotivat il-ħatra tagħhom tintemm.

4. Fis-sitwazzjoni msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu, il-pożizzjonijiet vakanti mimlija minn membri tal-persunal mhux permanenti huma inklużi fl-offerta ta' impjieg li tikkorrispondi għall-eżerċizzju li matulu l-ħatra tagħhom issir jew, jekk dan ikun impossibbli, matul is-sena finanzjarja segwenti, sakemm ma jiġix deċiż li l-pożizzjoni titneħħa.

5. Is-sistema ġenerali tal-uffiċjali għandha tapplika għall-membri tal-persunal mhux permanenti sa fejn dan ikun xieraq għan-natura tas-sitwazzjoni ta' dawn il-membri tal-persunal [...]

12 L-Artikolu 70(1) tal-EBEP jipprovdi:

“Il-bżonnijiet ta' riżorsi umani li jibbenefikaw minn allokkazzjoni baġitarja li għandhom ikunu koperti mir-reklutaġġ ta' persunal ġdid huma suġġetti għal offerta ta' impjieg pubbliku jew huma pprovduti permezz ta' strument ieħor simili ta' ġestjoni tal-kopertura għall-bżonnijiet tal-persunal, u dan jimplika l-organizzazzjoni tal-proċeduri ta' selezzjoni korrispondenti għall-pożizzjonijiet previsti, sal-limitu ta'

għaxra fil-mija addizzjonali, u l-iffissar tat-terminu massimu għall-pubblikazzjoni tal-avviżi. Fi kwalunkwe każ, l-implimentazzjoni tal-offerta ta' impjeg pubbliku jew tal-istrument simili għandha ssir f'terminu li ma jiġġeddidx ta' tliet snin.”

- 13 L-Artikolu 49 tat-testo refundido de la Ley del Estatuto de los Trabajadores (it-Test Irriformulat tal-Liġi dwar ir-Regolamenti tal-Ħaddiema), approvat permezz tar-Real Decreto Legislativo 1/1995 (id-Digriet Leġislattiv Irjali Nru 1/1995), tal-24 ta' Marzu 1995 (BOE Nru 75 tad-29 ta' Marzu 1995, p. 9654), fil-verżjoni tiegħu applikabbli għad-data tal-fatti fil-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem ir-“Regolamenti tal-Ħaddiema”), jipprovdi:

“1. Il-kuntratt tax-xogħol jiġi tterminat:

[...]

- (b) minħabba r-raġunijiet indikati b'mod validu fil-kuntratt, sakemm dawn ma jikkostitwixxux abbuż ta' dritt manifest min-naħa tal-persuna li timpjega;
- (c) mal-iskadenza tal-perijodu miftiehem jew mat-twettiq tal-kompitu jew tas-servizz li jkunu s-suġġett tal-kuntratt. Meta jintemm il-kuntratt, ħliet fil-każijiet tal-kuntratti ta' *interinidad* u ta' kuntratti ta' taħriġ, il-ħaddiem huwa intitolat li jirċievi kumpens ta' ammont ekwivalenti għall-proporzjon tal-ammont li jikkorrispondi għal tnax-il jum ta' salarju għal kull sena ta' servizz, jew il-kumpens previst, jekk ikun il-każ, mil-leġislazzjoni speċifika applikabbli fil-qasam;

[...]

- (l) minħabba raġunijiet oġġettivi legalment ammissibbli;

[...]”

- 14 Skont l-Artikolu 52 tar-Regolamenti tal-Ħaddiema, jikkostitwixxu “raġunijiet oġġettivi” li jistgħu jkunu l-bażi tax-xoljiment tal-kuntratt tax-xogħol l-inkompetenza tal-ħaddiem, magħrufa jew li tirriżulta wara d-dħul effettiv tiegħu fl-impriża, in-nuqqas tal-ħaddiem li jadatta ruħu għall-bidliet tekniċi raġonevoli mwettqa fir-rigward tal-pożizzjoni tiegħu, raġunijiet ekonomiċi, tekniċi jew marbuta mal-organizzazzjoni jew mal-produzzjoni, meta n-numru ta' pożizzjonijiet tax-xogħol eliminati jkun inqas minn dak meħtieġ sabiex ix-xoljiment ta' kuntratti tax-xogħol jiġi kklassifikat bħala “tkeċċija kollettiva”, kif ukoll, taħt ċerti kundizzjonijiet, assenzi rrepetuti mix-xogħol, anki jekk iġġustifikati.
- 15 Konformement mal-Artikolu 53(1)(b) tar-Regolamenti tal-Ħaddiema, ix-xoljiment ta' kuntratt tax-xogħol għal waħda mir-raġunijiet previsti fl-Artikolu 52 ta' dawn ir-regolamenti jagħti lok għall-ħlas lill-ħaddiem, fl-istess mument tan-notifika bil-miktub, ta' kumpens ekwivalenti għal salarju ta' 20 jum għal kull sena ta' anzjanità, kumpens li huwa kkalkolat *pro rata* fuq il-bażi tan-numru ta' xhur maħduma, b'limitu ta' tnax-il ħlas mensili.
- 16 L-Artikolu 56 tar-Regolamenti tal-Ħaddiema jipprevedi li x-xoljiment ta' kuntratt tax-xogħol fuq il-bażi ta' tkeċċija abbużiva jagħti lok għall-ħlas lill-ħaddiem ta' kumpens ekwivalenti għal 33 jum ta' salarju għal kull sena ta' anzjanità.

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

- 17 Il-municipalitá ta' Madrid ħatret, b'effett mill-24 ta' Novembru 2005, lil A. Baldonado Martín bħala membru tal-persunal mhux permanenti li jeżerċita l-funzjonijiet ta' membru tal-persunal għall-manutenzjoni ta' spazji hodur.

- 18 L-att ta' ħatra kien jippreċiża li A. Baldonado Martín kienet impjegata sabiex tkopri pożizzjoni vakanti sakemm din timtela bil-ħatra ta' uffiċjal. Barra minn hekk, ġie indikat li din il-pożizzjoni kellha titneħħa jekk id-dritt tal-uffiċjal issostitwit għaż-żamma tal-pożizzjoni tax-xogħol tiegħu kellu jintemm jew jekk l-amministrazzjoni kellha tqis li r-raġunijiet ta' urġenza li kienu jimmotivaw il-kopertura tal-pożizzjoni minn membru tal-persunal mhux permanenti ma kinux jeżistu iktar.
- 19 Fil-15 ta' April 2013, A. Baldonado Martín ġiet informata li l-pożizzjoni tagħha kienet ġiet mimlija, fl-istess jum, minn uffiċjal u li, konsegwentement, intemmu l-funzjonijiet tagħha.
- 20 Fl-20 ta' Frar 2017, A. Baldonado Martín talbet lill-muniċipalitá ta' Madrid il-ħlas ta' kumpens għat-terminazzjoni tal-funzjonijiet ekwivalenti għal salarju ta' 20 jum għal kull sena ta' anzjanità. It-talba tagħha kienet ibbażata fuq l-Artikolu 4(3) TUE, fuq l-Artikolu 20 u l-Artikolu 21(1) tal-Karta u kif ukoll fuq il-klawżoli 4 u 5 tal-Ftehim qafas.
- 21 Permezz ta' deċiżjoni tal-25 ta' April 2017, il-muniċipalitá ta' Madrid ċaħdet din it-talba fuq il-bażi tal-fatt li l-pożizzjoni li A. Baldonado Martín kienet okkupata kienet vakanti u li kien urġenti u imperattiv li din tiġi koperta, fuq il-bażi tal-fatt li l-funzjonijiet tagħha ntemmu minħabba l-fatt li l-pożizzjoni tagħha kienet mimlija minn uffiċjal u fuq il-bażi tal-fatt li ma kien hemm ebda diskriminazzjoni b'paragun mal-uffiċjali, peress li dawn tal-aħħar, skont is-sistema legali applikabbli għalihom, ma jirċevux kumpens meta l-funzjonijiet tagħhom jintemmu.
- 22 Adita bl-azzjoni li A. Baldonado Martín ippreżentat kontra din id-deċiżjoni, il-qorti tar-rinviju tippreċiża li, matul il-perijodu li fih ġiet impjegata, il-persuna kkonċernata okkupata l-istess pożizzjoni ta' xogħol b'mod kontinwu u kostanti u kienet twettaq kompiti identiċi għal dawk imwettqa mill-membri tal-persunal għall-manutenzjoni tal-ispazji hodur li jaqgħu taħt l-istatus ta' uffiċjal.
- 23 Barra minn hekk, din il-qorti tenfasizza li l-muniċipalitá ta' Madrid ma ressqitx il-prova li ġiet organizzata kompetizzjoni matul il-perijodu li fih A. Baldonado Martín ġiet impjegata u lanqas li ġiet approvata offerta pubblika ta' impjeg matul dan il-perijodu. Ma huwiex possibbli li jiġi ddeterminat jekk il-pożizzjoni li l-persuna kkonċernata kienet tokkupa mtlietx b'promozzjoni interna, permezz ta' kompetizzjoni fuq il-bażi ta' kwalifiki jew fuq il-bażi ta' eżamijiet jew permezz ta' proċedura ta' selezzjoni oħra. Il-muniċipalitá ta' Madrid ma stabbilixxietx il-ħtieġa imperattiva li A. Baldonado Martín tinħatar f'din il-pożizzjoni. Bl-istess mod, ir-raġuni li għaliha l-imsemmija pożizzjoni kienet vakanti ma hijiex magħrufa.
- 24 Fir-rigward tal-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni mitluba, il-qorti tar-rinviju tirrileva, fl-ewwel lok, li d-dritt Spanjol ma jirrikonossix lill-uffiċjali d-dritt li jirċievu, fi tmiem il-funzjonijiet tagħhom, kumpens bħal dak pretiż minn A. Baldonado Martín. Minn dan isegwi li s-sitwazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma tikkostitwixxix diskriminazzjoni pprojbita mill-klawżola 4 tal-Ftehim qafas u, konsegwentement, ma taqax taħt din il-klawżola. Bl-istess mod, il-qorti tar-rinviju tqis li mill-punti 63 sa 67 tas-sentenza tal-14 ta' Settembru 2016, Pérez López (C-16/15, EU:C:2016:679), jirriżulta li l-paragun bejn, minn naħa, il-membri tal-persunal mhux permanenti u, min-naħa l-oħra, il-membri tal-persunal bil-kuntratt, li r-relazzjoni tax-xogħol tagħhom mal-amministrazzjoni hija rregolata mir-Regolamenti tal-Ħaddiema, lanqas ma jaqa' taħt l-imsemmija klawżola, peress li dawn huma żewġ kategoriji ta' persunal temporanju.
- 25 Madankollu, il-qorti tar-rinviju tosserva, fit-tieni lok, li l-Ftehim qafas huwa intiż sabiex japplika l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni għall-ħaddiema għal żmien determinat, li l-pożizzjoni ta' ġardinar fl-amministrazzjoni pubblika Spanjola tista' tiġi okkupata kemm minn uffiċjal kif ukoll minn membru tal-persunal bil-kuntratt, li l-għażla tas-sistema ta' reklutaġġ għal din il-pożizzjoni tiddependi biss fuq ir-rieda tal-persuna li timpjega, li l-muniċipalitá ta' Madrid ma tinvoka ebda raġuni oġġettiva li tista' tiġġustifika differenza fit-trattament u li jirriżulta, b'mod partikolari, mis-sentenza tad-19 ta' April 2016, DI (C-441/14, EU:C:2016:278), li l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni għandu, bħala prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, ikun is-suġġett ta' applikazzjoni diretta vertikali.

- 26 Dik il-qorti tistaqsi jekk, f'dawn iċ-ċirkustanzi, huwiex possibbli li A. Baldonado Martín tiġi rrikonoxxuta d-dritt li tikseb il-kumpens pretiż b'paragun mal-membri tal-persunal bil-kuntratt impjegati għal żmien determinat jew b'applikazzjoni diretta vertikali tad-dritt primarju tal-Unjoni.
- 27 Fit-tielet lok, il-qorti tar-rinviju tirrileva li A. Baldonado Martín wettqet il-funzjonijiet tagħha bħala membru tal-persunal mhux permanenti matul iktar minn seba' snin. Għalhekk, il-muniċipalitá ta' Madrid żnaturat l-istatus ta' membru tal-persunal mhux permanenti billi rrikorriet għalih sabiex tkopri mhux bżonnijiet temporanji jew tranżitorji iżda bżonnijiet permanenti. B'dan il-mod hija ċaħħdet lill-persuna kkonċernata mid-drittijiet irrikonoxxuti lill-uffiċjali jew minn dawk irrikonoxxuti lill-membri tal-persunal bil-kuntratt. Il-muniċipalitá ta' Madrid kisret ukoll il-garanziji intiżi sabiex tiġi evitata l-perpetwazzjoni tar-relazzjonijiet tax-xogħol temporanji u li jippermettu li jiġu evitati l-abbużi ta' dawn ir-relazzjonijiet, previsti fl-Artikoli 10 u 70 tal-EBEP, kif ukoll ir-rekwiżit li l-pożizzjonijiet tax-xogħol okkupati minn membri tal-persunal mhux permanenti jkunu neċessarjament inklużi fl-ewwel avviż tal-kompetizzjoni, li jinsab fl-ewwel dispożizzjoni addizzjonali tad-Digriet Irjali 896/1991 tas-7 ta' Ġunju 1991.
- 28 Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju tosserva li l-leġiżlazzjoni Spanjola inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma tippermettix li jiġi previst it-tmiem tar-relazzjoni tax-xogħol ta' membru tal-persunal mhux permanenti, sa fejn din tal-aħħar tista' tintemm minħabba l-kopertura tal-pożizzjoni minn uffiċjal, minħabba t-tneħħija tal-pożizzjoni, minħabba t-tmiem tad-dritt tal-uffiċjal issostitwit għaż-żamma tal-pożizzjoni ta' xogħol tiegħu jew meta l-amministrazzjoni tikkunsidra li r-raġunijiet ta' urġenza li mmotivaw il-ħatra tal-aġent mhux permanenti ma għadhomx jeżistu.
- 29 Din il-leġiżlazzjoni teskludi kull possibbiltá li jiġu invokati fir-rigward tal-persuna li timpjega pubblika l-garanziji applikati kontra l-persuna li timpjega privata, previsti fir-Regolamenti tal-Ħaddiema, kif ukoll il-konsegwenzi tan-nuqqas ta' osservanza ta' dawn il-garanziji. L-imsemmija leġiżlazzjoni ma tippermettix li tinkiseb il-kwalitá ta' uffiċjal b'xi mod ieħor ħlief permezz ta' proċedura ta' selezzjoni.
- 30 Din l-istess leġiżlazzjoni ma tippermettix li jintlaħqu l-għanijiet imfittxija mill-klawżola 5 tal-Ftehim qafas. Bl-istess mod, il-possibbiltá tat-trasformazzjoni, f'każ ta' frodi, tal-membri tal-persunal temporanju għal membri tal-persunal għal żmien indeterminat mhux permanenti, irrikonoxxuta mill-ġurisprudenza tat-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema, Spanja) ma tippermettix li jiġu evitati u li jiġu ssanzjonati l-abbużi tar-reklutaġġ temporanju. Fil-fatt, huwa dejjem possibbli li l-pożizzjoni okkupata mill-ħaddiem ikkonċernat titneħħa jew li dan tal-aħħar jitkeċċa jekk il-pożizzjoni tiegħu timtela bil-ħatra ta' uffiċjal, li ttemm ir-relazzjoni tax-xogħol tiegħu mingħajr ma dan ikun ibbenefika mill-istabbiltá tal-impjeg.
- 31 Skont il-qorti tar-rinviju, is-sanzjoni li tikkonsisti fit-trasformazzjoni tar-relazzjoni tax-xogħol għal żmien determinat f'relazzjoni tax-xogħol stabbli hija l-unika miżura li tippermetti li jiġu osservati l-għanijiet imfittxija mid-Direttiva 1999/70. Madankollu, din id-direttiva ma ġietx trasposta fid-dritt Spanjol fir-rigward tas-settur pubbliku. Għalhekk, tqum il-kwistjoni dwar jekk kumpens jistax jitħallas, bħala sanzjoni, abbażi tal-klawżola 5 tal-Ftehim qafas.
- 32 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Juzgado de lo Contencioso-Administrativo n° 14 de Madrid (il-Qorti Amministrattiva Provinciá Nru 14 ta' Madrid, Spanja) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:
- "1) Interpretazzjoni tal-Klawżola 4 tal-Ftehim Qafas, fis-sens li sitwazzjoni bħal dik deskritta fil-kawża prinċipali, li fiha l-membri tal-persunal mhux permanenti jwettaq l-istess xogħol bħall-uffiċjal (liema uffiċjal ma jibbenefikax mid-dritt għal kumpens [minħabba terminazzjoni ta' impjeg] peress li s-sitwazzjoni li minnha jista' jirriżulta dan id-dritt ma teżistix fis-sistema legali tiegħu), ma hijiex klassifikabbli bħala sitwazzjoni deskritta fl-istess klawżola, hija korretta?"

- 2) Peress li d-dritt għall-ugwaljanza fit-trattament u l-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni jikkostitwixxu prinċipju ġenerali [tad-dritt] tal-Unjoni (Artikoli 20 u 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni u l-Artikolu 23 tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem [adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fl-10 ta' Diċembru 1948]) stabbiliti f'direttiva, u peress li jitqiesu bħala drittijiet soċjali fundamentali (Artikoli 151 u 153 TFUE), interpretazzjoni fis-sens li jista' jirriżulta dritt għal kumpens [minħabba terminazzjoni ta' impjieg] tal-membri tal-persunal mhux permanenti, jew billi jiġi ekwiparat għal membru tal-persunal kuntrattwali għal żmien determinat, għal darbha s-sitwazzjoni tagħhom (bħala membru tal-persunal u bħala impjieg) tiddependi biss mill-persuna pubblika li timpjega, jew permezz tal-applikazzjoni diretta vertikali rispettiva tad-dritt primarju [tal-Unjoni], sabiex b'hekk ikunu jistgħu jintlaħqu l-għanijiet tal-Ftehim Qafas Anness mad-Direttiva 1999/70/KE, hija konformi mal-istess ftehim qafas?
- (3) Fil-każ tal-eżistenza ta' użu abbużiv ta' kuntratti temporanji ta' impjieg sabiex jiġu ssodisfatti l-ħtiġijiet permanenti, mingħajr ma tkun teżisti raġuni oġġettiva, liema kuntratti ma jkunux jissodisfaw il-ħtieġa urġenti u imperattiva li tiġġustifikahom, fl-assenza ta' sanzjonijiet jew limiti effettivi fid-dritt nazzjonali [Spanjol], kumpens, ekwiparabbli għal dak li jingħata fil-każ ta' tkeċċija abbużiva, bħala sanzjoni adegwata, proporzjonata u dissważiva, huwa konformi mal-għanijiet li d-Direttiva 1999/70/KE ttipprova tilħaq, bħala miżura għall-prevenzjoni tal-abbuż u sabiex konsegwentement jiġi eliminat il-ksur tad-dritt tal-Unjoni, meta l-persuna li timpjega ma toffrix pożizzjoni permanenti lill-ħaddiem?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel domanda

- 33 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk il-klawżola 4(1) tal-Ftehim qafas għandhiex tiġi interpretata fis-sens li tipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li ma tippovdix għall-ħlas ta' kumpens la għall-ħaddiema għal żmien determinat impjegati bħala membri tal-persunal mhux permanenti u lanqas għall-uffiċjali li huma impjegati fl-ambitu ta' relazzjoni tax-xogħol għal żmien indeterminat, fl-okkażjoni tat-tmiem tal-funzjonijiet tagħhom.
- 34 F'dan ir-rigward, għandu jittfakkar li l-klawżola 4(1) tal-Ftehim qafas tistabbilixxi projbizzjoni, fir-rigward tal-kundizzjonijiet tal-impjieg, li l-ħaddiema għal żmien determinat jiġu ttrattati b'mod inqas favorevoli mill-ħaddiema għal żmien indeterminat paragunabbli, sempliċement għaliex dawn jaħdmu għal żmien determinat, sakemm trattament differenti ma jkunx iġġustifikat minn raġunijiet oġġettivi.
- 35 Il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li din id-dispożizzjoni hija intiża sabiex tapplika l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni għall-ħaddiema għal żmien determinat sabiex jiġi prekluż l-użu ta' relazzjoni tax-xogħol ta' din in-natura minn persuna li timpjega sabiex iċċaħħad lil dawn il-ħaddiema mid-drittijiet li huma rrikonoxxuti lill-ħaddiema għal żmien indeterminat (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-5 ta' Ġunju 2018, Montero Mateos, C-677/16, EU:C:2018:393, punt 40 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 36 F'dan il-każ, minn naħa, għandu jiġi rrilevat li, sa fejn, kif jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju, A. Baldonado Martín inħatret mill-muniċipalità ta' Madrid bħala membru tal-persunal mhux permanenti fil-pożizzjoni ta' membru tal-persunal għall-manutenzjoni ta' spazji ħodor sakemm isefh avveniment partikolari, jiġifieri l-ħatra f'din id-dispożizzjoni ta' uffiċjal, hija taqa' taħt il-kunċett ta' "ħaddiem għal żmien determinat", fis-sens tal-klawżola 3(1) tal-Ftehim qafas u, għaldaqstant, taqa' taħt id-Direttiva 1999/70 u taħt dan il-ftehim (ara, f'dan is-sens, id-digriet tat-22 ta' Marzu 2018, Centeno Meléndez, C-315/17, mhux ippubblikat, EU:C:2018:207, punt 40). Min-naħa l-oħra, għandu jittfakkar li kumpens mogħti lill-ħaddiem minħabba x-xoljiment tal-kuntratt tax-xogħol li jorbtu mal-persuna li

timpjegah, bħal dak pretiż minn A. Baldonado Martín, jaqa' taħt il-kunċett ta' "kundizzjonijiet tal-impjeg", fis-sens tal-klawżola 4(1) tal-imsemmi ftehim (digriet tal-12 ta' Ġunju 2019, Aragón Carrasco *et*, C-367/18, mhux ippubblikat, EU:C:2019:487, punt 33 u l-ġurisprudenza ċċitata).

- 37 Madankollu, mill-informazzjoni pprovduta mill-qorti tar-rinviju jirriżulta li l-membri tal-persunal mhux permanenti, bħalma hija l-persuna kkonċernata, ma humiex ittrattati b'mod inqas favorevoli mill-uffiċjali u lanqas ma huma mċaħħda minn dritt irrikonoxxut lilhom, peress li la dawn il-membri tal-persunal u lanqas l-uffiċjali ma jirċievu l-kumpens pretiż minn A. Baldonado Martín.
- 38 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-klawżola 4(1) tal-Ftehim qafas għandha tiġi interpretata fis-sens li ma tipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li la tipprovdi għall-ħlas ta' kumpens għat-tmiem ta' funzjonijiet lill-ħaddiema għal żmien determinat impjegati bħala membri tal-persunal mhux permanenti u lanqas lill-uffiċjali li huma impjegati fl-ambitu ta' relazzjoni tax-xogħol għal żmien indeterminat.
- 39 Dan premiss, jirriżulta mir-risposta ta' A. Baldonado Martín u tal-muniċipalit ta' Madrid għal mistoqsija magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja waqt is-seduta li l-pożizzjoni li kellha l-persuna kkonċernata, meta din kienet impjegata mill-muniċipalit ta' Madrid bħala membru tal-persunal mhux permanenti, setgħet tiġi okkupata wkoll minn membri tal-persunal impjegati fil-kuntest ta' kuntratt ta' xogħol għal żmien indeterminat u li tali membru tal-persunal kien impjegat minn din il-muniċipalit għal pożizzjoni identika matul l-istess perijodu. Barra minn hekk, mill-proċess li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha għad-dispożizzjoni tagħha jirriżulta li ħaddiem impjegat fil-kuntest ta' tali kuntratt ta' xogħol jipperċepixxi l-kumpens previst fl-Artikolu 53(1)(b) tar-Regolamenti tal-Ħaddiema, pretiż minn A. Baldonado Martín, kieku kellu jitkeċċa għal waħda mir-raġunijiet previsti fl-Artikolu 52 ta' dawn ir-regolamenti.
- 40 Huwa l-kompitu tal-qorti tar-rinviju, li għandha esklużivament il-ġurisdizzjoni sabiex tevalwa l-fatti, li tivverifika din l-informazzjoni u, jekk ikun il-każ, tiddetermina jekk il-membri tal-persunal mhux permanenti, bħall-persuna kkonċernata, jinsabux f'sitwazzjoni paragonabbli għal dik tal-membri tal-persunal impjegati mill-muniċipalit ta' Madrid fl-ambitu ta' kuntratt tax-xogħol għal żmien indeterminat, matul l-istess perijodu (ara, b'analoġija, id-digriet tat-12 ta' Ġunju 2019, Aragón Carrasco *et*, C-367/18, mhux ippubblikat, EU:C:2019:487, punt 37 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 41 F'dan ir-rigward, għandu jifakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja qieset li, jekk ikun stabbilit li, meta kienu impjegati, il-ħaddiema għal żmien determinat kienu jeżerċitaw l-istess funzjonijiet bħall-ħaddiema impjegati għal żmien indeterminat mill-istess persuna li timpjega jew kienu jokkupaw l-istess pożizzjoni bħalhom, ikun hemm lok, bħala prinċipju, li s-sitwazzjonijiet ta' dawn iż-żewġ kategoriji ta' ħaddiema jitqiesu li huma paragonabbli (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-5 ta' Ġunju 2018, Grupo Norte Facility, C-574/16, EU:C:2018:390, punti 50 u 51; tal-5 ta' Ġunju 2018, Montero Mateos, C-677/16, EU:C:2018:393, punti 53 u 54; tal-21 ta' Novembru 2018, de Diego Porras, C-619/17, EU:C:2018:936, punti 64 u 65; u d-digriet tat-12 ta' Ġunju 2019, Aragón Carrasco *et*, C-367/18, mhux ippubblikat, EU:C:2019:487, punt 36).
- 42 Għalhekk, għandu jiġi vverifikat jekk teżistix raġuni oġġettiva li tiġġustifika li t-tmiem tar-relazzjoni tax-xogħol tal-membri tal-persunal mhux permanenti ma jagħti lok għal ebda ħlas ta' kumpens, filwaqt li l-membri tal-persunal bil-kuntratt għal żmien indeterminat jibbenefikaw minn kumpens meta jitkeċċew għal waħda mir-raġunijiet previsti fl-Artikolu 52 tar-Regolamenti tal-Ħaddiema.
- 43 Fir-rigward tad-differenzi fit-trattament li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-Artikolu 53(1)(b) tar-Regolamenti tal-Ħaddiema, il-Qorti tal-Ġustizzja diġ ddeċidiet li l-għan speċifiku tal-kumpens għal tkeċċija previst f'din id-dispożizzjoni kif ukoll il-kuntest partikolari li fih isir il-ħlas ta' dan il-kumpens jikkostitwixxi raġuni oġġettiva li tiġġustifika differenza fit-trattament bħal dik imsemmija fil-punt preċedenti (ara s-sentenzi tal-5 ta' Ġunju 2018, Grupo Norte Facility, C-574/16, EU:C:2018:390, punt 60; tal-5 ta' Ġunju 2018, Montero Mateos, C-677/16, EU:C:2018:393, punt 63; u tal-21 ta' Novembru 2018, de Diego Porras, C-619/17, EU:C:2018:936, punt 74).

- 44 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li t-tmiem ta' relazzjoni tax-xogħol għal żmien determinat jaqa' f'kuntest sostanzjalment differenti, kemm minn perspettiva fattwali u kif ukoll ġuridika, minn dak li fih il-kuntratt tax-xogħol ta' ħaddiem għal żmien indeterminat jiġi xolt għal waħda mir-raġunijiet previsti fl-Artikolu 52 tar-Regolamenti tal-Ħaddiema (ara, f'dan is-sens, id-digriet tat-12 ta' Ġunju 2019, Aragón Carrasco *et*, C-367/18, mhux ippubblikat, EU:C:2019:487, punt 44, kif ukoll, b'analoġija, is-sentenzi tal-5 ta' Ġunju 2018, Grupo Norte Facility, C-574/16, EU:C:2018:390, punt 56; tal-5 ta' Ġunju 2018, Montero Mateos, C-677/16, EU:C:2018:393, punt 59; u tal-21 ta' Novembru 2018, de Diego Porras, C-619/17, EU:C:2018:936, punt 70).
- 45 Fil-fatt, mid-definizzjoni tal-kunċett ta' "relazzjoni tax-xogħol għal żmien determinat" li jinsab fil-klawżola 3(1) tal-Ftehim qafas jirriżulta li kuntratt tax-xogħol ta' din in-natura ma jibqax ikollu effetti fil-futur malli jintlaħaq it-tmiem mogħti lilu, liema tmiem jista' jkun ikkostitwit mill-fatt li tintlaħaq data speċifika, mit-tlestija ta' kompitu speċifiku jew, bħal f'dan il-każ, mill-fatt li jseħħ avveniment partikolari. B'hekk, il-partijiet f'relazzjoni tax-xogħol għal żmien determinat ikunu jafu, sa minn meta din tiġi miftiehma, id-data jew l-avveniment li jiddetermina t-tmiem tagħha. Dan it-tmiem jillimita t-tul tar-relazzjoni tax-xogħol, mingħajr ma huwa meħtieġ li l-partijiet jesprimu r-rieda tagħhom f'dan ir-rigward wara l-ftehim tal-imsemmija relazzjoni (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-21 ta' Novembru 2018, de Diego Porras, C-619/17, EU:C:2018:936, punt 71 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 46 Min-naħa l-oħra, ix-xoljiment ta' kuntratt tax-xogħol għal żmien indeterminat għal waħda mir-raġunijiet previsti fl-Artikolu 52 tar-Regolamenti tal-Ħaddiema, fuq l-inizjattiva tal-persuna li timpjega, jirriżulta minħabba li jseħħu ċirkustanzi li ma jkunux previsti fid-data tal-konklużjoni ta' dan il-kuntratt u li jkunu waqqfu l-iżvolġiment normali tar-relazzjoni tal-impjeg, b'mod li l-kumpens previst fl-Artikolu 53(1)(b) ta' dawn ir-regolamenti huwa intiż preċiżament sabiex jikkumpensa din in-natura imprevista tat-twaqqif ta' din ir-relazzjoni għal tali raġuni u, għaldaqstant, il-ksur tal-aspettattivi leġittimi li l-ħaddiem seta' kellu f'din id-data fir-rigward tal-istabbiltà tal-imsemmija relazzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Novembru 2018, de Diego Porras, C-619/17, EU:C:2018:936, punt 72 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 47 F'dan il-każ, bla ħsara għal verifika mill-qorti tar-rinviju, mill-proċess li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha għad-dispożizzjoni tagħha jirriżulta li r-relazzjoni tax-xogħol ta' A. Baldonado Martín kienet spiċċat minħabba l-okkorrenza tal-avveniment previst għal dan il-għan, jiġifieri l-fatt li l-pożizzjoni li hija kienet tokkupa provviżorjament imtliet b'mod definittiv bil-ħatra ta' uffiċjal.
- 48 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-klawżola 4(1) tal-Ftehim qafas għandha tiġi interpretata fis-sens li ma tipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li ma tipprevedi għal ebda hłas ta' kumpens għat-tmiem ta' funzjonijiet lill-ħaddiema għal żmien determinat impjegati bħala membri tal-persunal mhux permanenti filwaqt li hija tipprevedi l-hłas ta' tali kumpens lill-membri tal-persunal bil-kuntratt għal żmien indeterminat fil-każ tax-xoljiment tal-kuntratt tax-xogħol tagħhom għal raġuni oġġettiva.
- 49 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li l-klawżola 4(1) tal-Ftehim qafas għandha tiġi interpretata fis-sens li ma tipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li ma tipprevedi ebda hłas ta' kumpens la għall-ħaddiema għal żmien determinat impjegati bħala membri tal-persunal mhux permanenti u lanqas għall-uffiċjali li huma impjegati fl-ambitu ta' relazzjoni tax-xogħol għal żmien indeterminat, fl-okkażjoni tat-tmiem tal-funzjonijiet tagħhom, filwaqt li hija tipprevedi l-hłas ta' tali kumpens għall-membri tal-persunal bil-kuntratt għal żmien indeterminat fl-okkażjoni tax-xoljiment tal-kuntratt tax-xogħol tagħhom għal raġuni oġġettiva.

Fuq it-tieni domanda

- 50 Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikoli 151 u 153 TFUE, l-Artikoli 20 u 21 tal-Karta kif ukoll il-klawżola 4(1) tal-Ftehim qafas għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li ma tipprevedi ebda hłas ta' kumpens

għall-ħaddiema għal żmien determinat impjegati bħala membri tal-persunal mhux permanenti, fl-okkażjoni tat-tmiem tal-funzjonijiet tagħhom, filwaqt li kumpens jingħata lill-membri tal-persunal bil-kuntratt għal żmien determinat fl-okkażjoni tal-iskadenza tal-kuntratt tax-xogħol tagħhom.

- 51 Preliminarjament, għandu jiġi rrilevat li din id-domanda hija bbażata fuq il-premessa li, l-ewwel nett, il-membri tal-persunal bil-kuntratt għal żmien determinat impjegati mill-muniċipalità ta' Madrid, li jaqgħu taħt ir-Regolamenti tal-Ħaddiema, jirċievu, mal-iskadenza tal-kuntratt tax-xogħol tagħhom, il-kumpens ekwivalenti għal tnaqqs il jum ta' salarju għal kull sena ta' servizz, previst fl-Artikolu 49(1)(c) ta' dawn ir-regolamenti, it-tieni nett, din id-dispożizzjoni ma hijiex applikabbli għall-ħaddiema għal żmien determinat impjegati bħala membri tal-persunal mhux permanenti, bħalhekk hija A. Baldonado Martín, u, it-tielet nett, l-EBEP, li taħtu dawn il-ħaddiema tal-aħħar jaqgħu, ma jipprevedix l-għoti ta' kumpens ekwivalenti fl-okkażjoni tat-tmiem tal-funzjonijiet tagħhom.
- 52 Fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-klawżola 4(1) tal-Ftehim qafas, għandu jittfakkar li, peress li l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni ġie implimentat u kkonkretizzat minn dan il-ftehim biss fir-rigward tad-differenzi fit-trattament bejn il-ħaddiema għal żmien determinat u l-ħaddiema għal żmien indeterminat li jinsabu f'sitwazzjoni paragonabbli, l-eventwali differenzi fit-trattament bejn ċerti kategoriji ta' persunal għal żmien determinat ma jaqgħux taħt il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni stabbilit mill-imsemmi ftehim (sentenza tal-21 ta' Novembru 2018, *Viejobueno Ibáñez u de la Vara González*, C-245/17, EU:C:2018:934, punt 51 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 53 Għalhekk, peress li d-differenza fit-trattament bejn iż-żewġ kategoriji ta' persunal għal żmien determinat inkwistjoni fil-kawża prinċipali hija bbażata mhux fuq iż-żmien determinat jew indeterminat tar-relazzjoni tax-xogħol, iżda fuq in-natura statutorja jew kuntrattwali tagħha, hija ma taqax taħt il-klawżola 4(1) tal-Ftehim qafas (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Settembru 2016, *Pérez López*, C-16/15, EU:C:2016:679, punt 66).
- 54 Għaldaqstant, din id-dispożizzjoni għandha tiġi interpretata fis-sens li ma tipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik imsemmija fil-punt 50 ta' din is-sentenza.
- 55 F'dak li jirrigwarda, fit-tieni lok, l-Artikoli 151 u 153 TFUE, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li, kif tosserva l-Kummissjoni Ewropea, dawn l-artikoli tat-Trattat FUE jstabbilixxu l-għanijiet u l-miżuri ġenerali tal-politika soċjali tal-Unjoni u li d-dritt pretiż minn A. Baldonado Martín jew l-obbligu ta' Stat Membru li jiżgura tali dritt ma jistgħux jiġu dedotti minn tali dispożizzjonijiet (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Marzu 2018, *Podilá et*, C-133/17 u C-134/17, mhux ippubblikata, EU:C:2018:203, punt 37).
- 56 Fir-rigward, fit-tielet lok, tal-Artikoli 20 u 21 tal-Karta, għandu jiġi osservat li differenza fit-trattament ibbażata fuq in-natura statutorja jew kuntrattwali tar-relazzjoni tax-xogħol tista', bħala prinċipju, tiġi evalwata fid-dawl tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, li jikkostitwixxi prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, issa stabbilit fl-Artikoli 20 u 21 tal-Karta (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-9 ta' Marzu 2017, *Milkova*, C-406/15, EU:C:2017:198, punti 55 sa 63).
- 57 Dan premess, għandu jittfakkar li l-kamp ta' applikazzjoni tal-Karta, fir-rigward tal-azzjoni tal-Istati Membri, huwa ddefinit fl-Artikolu 51(1) tagħha, li jipprovdi li d-dispożizzjonijiet tal-Karta japplikaw għall-Istati Membri biss meta dawn ikunu qegħdin jimplementaw id-dritt tal-Unjoni (sentenza tas-6 ta' Ottubru 2016, *Paoletti et*, C-218/15, EU:C:2016:748, punt 13 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 58 Mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-kunċett ta' "implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni", fis-sens tal-Artikolu 51(1) tal-Karta, jippreżupponi l-eżistenza ta' rabta ta' konnessjoni bejn att tad-dritt tal-Unjoni u l-miżura nazzjonali inkwistjoni, li tmur lil hinn mill-affinità bejn l-oqsma meħuda inkunsiderazzjoni jew l-effetti indiretti ta' qasam fuq l-ieħor (sentenza tas-6 ta' Ottubru 2016, *Paoletti et*, C-218/15, EU:C:2016:748, punt 14 u l-ġurisprudenza ċċitata).

- 59 Konformement mal-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, sabiex jiġi ddeterminat jekk miżura nazzjonali taqax taħt l-“implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni”, fis-sens tal-Artikolu 51(1) tal-Karta, hemm lok li jiġi vverifikat, fost elementi oħra, jekk il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni għandhiex bħala għan li timplimenta dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, in-natura ta’ din il-leġiżlazzjoni u jekk hija għandhiex għanijiet oħra minbarra dawk koperti mid-dritt tal-Unjoni, anki jekk tista’ taffettwa indirettament lil dan tal-aħħar, kif ukoll jekk teżistix leġiżlazzjoni tad-dritt tal-Unjoni speċifika fil-qasam jew li tista’ taffettwaha (sentenza tal-10 ta’ Lulju 2014, Julián Hernández *et*, C-198/13, EU:C:2014:2055, punt 37 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 60 F’dan il-każ, A. Baldonado Martín issostni li l-Artikolu 49(1)(c) tar-Regolamenti tal-Ħaddiema huwa intiż sabiex jimplementa l-klawżola 5 tal-Ftehim qafas, filwaqt li l-Gvern Spanjol jikkontesta din l-affermazzjoni.
- 61 F’dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-kumpens previst fl-Artikolu 49(1)(c) tar-Regolamenti tal-Ħaddiema, minn naħa, ma jaqax, *prima facie*, taħt waħda mill-kategoriji ta’ miżuri msemmija fil-klawżola 5(1)(a) sa (ċ) tal-Ftehim qafas, li l-Istati Membri għandhom jintroduċu, waħda jew diversi, meta l-ordinament ġuridiku tagħhom ma jinkludix miżuri legali ekwivalenti, u, min-naħa l-oħra, lanqas ma jidher li jikkostitwixxi tali miżura legali ekwivalenti, peress li ma jistax jilħaq l-għan ġenerali li l-imsemmija klawżola 5 tagħti lill-Istati Membri, li huwa l-prevenzjoni tal-abbużi li jirriżultaw mill-użu tal-kuntratti jew tar-relazzjonijiet tax-xogħol għal żmien determinat suċċessivi (ara, f’dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta’ Novembru 2018, de Diego Porras, C-619/17, EU:C:2018:936, punti 92 sa 94).
- 62 Fil-fatt, peress li dan il-kumpens jitħallas lil hinn minn kull kunsiderazzjoni dwar in-natura leġittima jew abbużiva tal-użu ta’ tali kuntratti jew ta’ tali relazzjonijiet, dan ma jidherx li huwa ta’ natura xierqa sabiex debitament jissanzjona użu abbużiv ta’ kuntratti jew ta’ relazzjonijiet tax-xogħol għal żmien determinat suċċessivi u sabiex iħassar il-konsegwenzi tal-ksur tad-dritt tal-Unjoni u, konsegwentement, ma jidherx li jikkostitwixxi, fih innifsu, miżura suffiċjentement effettiva u dissważiva sabiex tiġi ggarantita l-effettività sħiħa tar-regoli adottati skont il-Ftehim qafas (ara, f’dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta’ Novembru 2018, de Diego Porras, C-619/17, EU:C:2018:936, punti 94 u 95).
- 63 Minn dan isegwi li l-Artikolu 49(1)(c) tar-Regolamenti tal-Ħaddiema għandu għan differenti minn dak imsemmi fil-klawżola 5 tal-Ftehim qafas u, għaldaqstant, ma jistax jitqies li “jimplementa d-dritt tal-Unjoni”, fis-sens tal-Artikolu 51(1) tal-Karta.
- 64 Konsegwentement, id-differenza fit-trattament inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma tistax tiġi evalwata fid-dawl tal-garanziji tal-Karta u, b’mod partikolari, tal-Artikoli 20 u 21 tagħha.
- 65 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għat-tieni domanda għandha tkun li l-Artikoli 151 u 153 TFUE kif ukoll il-klawżola 4(1) tal-Ftehim qafas għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali li ma tipprevedi ebda ħlas ta’ kumpens għall-ħaddiema għal żmien determinat impjegati bħala membri tal-persunal mhux permanenti, fl-okkażjoni tat-tmiem tal-funzjonijiet tagħhom, filwaqt li kumpens jingħata lill-membri tal-persunal bil-kuntratt għal żmien determinat mal-iskadenza tal-kuntratt tax-xogħol tagħhom.

Fuq it-tielet domanda

- 66 Mid-deċiżjoni tar-rinvju jirriżulta li, permezz tat-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinvju tistaqsi, essenzjalment, jekk il-klawżola 5 tal-Ftehim qafas għandhiex tiġi interpretata fis-sens li, f’sitwazzjoni fejn il-persuna li timpjega użat relazzjoni tax-xogħol għal żmien determinat sabiex tkopri bżonnijiet permanenti u mhux għal raġunijiet ta’ hteġa u ta’ urġenza ġġustifikati espressament, l-għoti ta’ kumpens ekwivalenti għal dak imħallas lill-ħaddiema f’każ ta’ tkeċċija abbużiva, skont l-Artikolu 56

tar-Regolamenti tal-Ħaddiema, jikkostitwixxi miżura intiża sabiex tipprekludi u, jekk ikun il-każ, tissanzjona l-abbużi li jirriżultaw mill-użu ta' kuntratti jew ta' relazzjonijiet tax-xogħol għal żmien determinat suċċessivi jew miżura legali ekwivalenti, fis-sens ta' din il-klawżola.

- 67 Il-Gvern Spanjol jikkunsidra li din id-domanda hija inammissibbli, minħabba li l-klawżola 5 tal-Ftehim Qafas ma hijiex applikabbli għal sitwazzjoni bħal dik tal-kawża prinċipali li la hija kkaratterizzata minn użu ta' kuntratti jew ta' relazzjonijiet tax-xogħol għal żmien determinat suċċessivi u lanqas minn abbuż fis-sens ta' din il-klawżola.
- 68 Skont ġurisprudenza stabbilita, id-domandi dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni magħmula mill-qorti nazzjonali fil-kuntest leġiżlattiv u fattwali li hija għandha r-responsabbiltà li tiddefinixxi, u li ma huwiex il-kompitu tal-Qorti tal-Ġustizzja li tivverifika l-eżattezza tiegħu, jibbenefikaw minn preżunzjoni ta' rilevanza. Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' biss tirrifjuta li tiddeċiedi fuq talba għal deċiżjoni preliminari mressqa minn qorti nazzjonali jekk ikun jidher b'mod manifest li l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni mitluba ma għandha ebda relazzjoni mar-realtà jew mas-suġġett tat-tilwima fil-kawża prinċipali, meta l-problema tkun ta' natura ipotetika jew meta l-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex il-punti ta' fatt u ta' liġi neċessarji sabiex tirrispondi b'mod utli għad-domandi li jkunu sarulha (sentenza tal-21 ta' Novembru 2018, de Diego Porras, C-619/17, EU:C:2018:936, punt 77 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 69 Barra minn hekk, in-neċessità li ssir interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni li tkun utli għall-qorti nazzjonali teżiġi li din tiddefinixxi l-kuntest fattwali u leġiżlattiv tad-domandi li hija tagħmel jew li, tal-inqas, tispjega l-ipoteżijiet fattwali li fuqhom dawn id-domandi jkunu bbażati (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-31 ta' Mejju 2018, Zheng, C-190/17, EU:C:2018:357, punt 48 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 70 F'dan ir-rigward, hija ġurisprudenza stabbilita li l-klawżola 5(1) tal-Ftehim qafas tapplika biss fil-preżenza ta' kuntratti jew ta' relazzjonijiet tax-xogħol għal żmien determinat suċċessivi (sentenzi tat-22 ta' Novembru 2005, Mangold, C-144/04, EU:C:2005:709, punti 41 u 42, kif ukoll tas-26 ta' Jannar 2012, Küçük, C-586/10, EU:C:2012:39, punt 45, u d-digriet tal-12 ta' Ġunju 2019, Aragón Carrasco *et*, C-367/18, mhux ippubblikat, EU:C:2019:487, punt 55).
- 71 Mill-klawżola 5(2)(a) tal-Ftehim qafas jirriżulta li huma l-Istati Membri li għandhom jiddeterminaw taħt liema kundizzjonijiet il-kuntratti jew ir-relazzjonijiet tax-xogħol għal żmien determinat għandhom jitqiesu li huma "suċċessivi" (sentenza tal-21 ta' Novembru 2018, de Diego Porras, C-619/17, EU:C:2018:936, punt 79, kif ukoll id-digriet tal-12 ta' Ġunju 2019, Aragón Carrasco *et*, C-367/18, mhux ippubblikat, EU:C:2019:487, punt 56).
- 72 F'dan il-każ, il-qorti tar-rinviju ma tipprovdi ebda indizju li jippermetti li jitqies li A. Baldonado Martín kienet impjegata mill-muniċipalitá ta' Madrid fil-kuntest ta' diversi kuntratti jew relazzjonijiet tax-xogħol jew li s-sitwazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali għandha tiġi kkunsidrata, skont id-dritt Spanjol, li hija kkaratterizzata minn kuntratti jew minn relazzjonijiet tax-xogħol għal żmien determinat suċċessivi.
- 73 Għall-kuntrarju, din il-qorti tippreċiża li l-persuna kkonċernata okkupat l-istess pożizzjoni tax-xogħol kontinwament u kostanti. Barra minn hekk, mill-proċess li għandha l-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li r-relazzjoni tax-xogħol bejn il-partijiet fil-kawża prinċipali hija l-ewwel u l-unika relazzjoni tax-xogħol stabbilita bejniethom.
- 74 F'dawn iċ-ċirkustanzi, jidher b'mod manifest li l-problema mqajma fil-kuntest tat-tielet domanda hija ta' natura ipotetika. Konsegwentement, għandu jiġi kkonstatat li din id-domanda hija inammissibbli.

Fuq l-ispejjeż

⁷⁵ Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li għandha tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, minbarra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) taqta' u tiddeċiedi:

- 1) Il-klawżola 4(1) tal-Ftehim qafas dwar xogħol għal terminu fiss [żmien determinat], konkluż fit-18 ta' Marzu 1999, li jinsab fl-Anness tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss [żmien determinat] konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u miċ-CEEP, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġislazzjoni nazzjonali li ma tipprevedi ebda hłas ta' kumpens la għall-ħaddiema għal żmien determinat impjegati bħala membri tal-persunal mhux permanenti u lanqas għall-uffiċjali li huma impjegati fl-ambitu ta' relazzjoni tax-xogħol għal żmien indeterminat, fl-okkażjoni tat-tmiem tal-funzjonijiet tagħhom, filwaqt li hija tipprevedi l-hłas ta' tali kumpens għall-membri tal-persunal bil-kuntratt għal żmien indeterminat fl-okkażjoni tax-xoljiment tal-kuntratt tax-xogħol tagħhom għal raġuni oġġettiva.
- 2) L-Artikoli 151 u 153 TFUE kif ukoll il-klawżola 4(1) tal-Ftehim qafas dwar xogħol għal terminu fiss [żmien determinat] għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux leġislazzjoni nazzjonali li ma tipprevedi ebda hłas ta' kumpens għall-ħaddiema għal żmien determinat impjegati bħala membri tal-persunal mhux permanenti, fl-okkażjoni tat-tmiem tal-funzjonijiet tagħhom, filwaqt li kumpens jingħata lill-membri tal-persunal bil-kuntratt għal żmien determinat mal-iskadenza tal-kuntratt tax-xogħol tagħhom.

Firem